# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn disgha (9) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 183/13 FDP**

**The Mediterranean Wellbeing Company Limited**
**(C 40909)**

**vs**

**Stephen Bajada**
**(ID 363273M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 25 ta' Gunju 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha danni fil-valur ta' mhux aktar minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) kkagunati minnu jew minn nies taht il-kontroll jew direzzjoni tieghu fuq il-bastiment M.Y. Drenec, liema xogholijiet ma gewx ezegwiti skond kif miftiehem u ma sarux skond is-sengha u l-arti, liema danni kellhom jinkludu wkoll it-tiswijiet illi kellhom jsiru sabiex il-hsarat jigu riparati.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit 12 ta' Lulju 2013 fejn, preliminarjament, eccepixxa illi huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti peress illi x-xoghlijiet gew ikkuntrattati minn Ken Donaldson bhala agent tas-sid tal-bastiment M.Y. Drenec. Fil-meritu, imbghad, l-intimat sahaq illi huwa gia nieda proceduri kontra il-bastiment stess, fil-kawza 'Stephen Bajada vs Dr Martin Fenech noe' (260/11GV) ghall-hlas tax-xoghol minnu maghmul peress illi x-xoghol ma setghat jitlesta unikament minhabba fl-agir tas-sid. Sahaq ukoll illi huwa qatt ma inghata l-opportunita jirrimedja ghall-problemi illi kien hemm peress illi kien tkecca minn l-agent tas-sid minn fuq id-dghajsa.

Rat l-affidavit ta' Kenneth William Donaldson ippresentat fid 9 ta' Dicembru 2013 flimkien mad-dokumentazzjoni ampja minnu esebita.

Rat illi fid 9 ta' Dicembru 2013, il-Qorti ordnat illi jingiebu provi dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, ossija in-nuqqas ta' relazzjoni guridika u ordnat l-inverzjoni tal-provi.

Rat in-nota b'dokumentazzjoni esebita mill-intimat fl-14 ta' Frar 2014.

Rat illi fl-24 ta' Marzu 2014 l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta fuq l-ewwel eccezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta' Kenneth William Donaldson moghtija fid 19 ta' Mejju 2014 kif ukoll rat dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat in-nota ta' l-intimat ippresentat fis-16 ta' Frar 2015 fejn esebixxa ftehim iffirmat bejn l-intimat u Sark Limited, sid il-bastiment MV Drenec, fejn l-istess socjeta Sark Limited hallset lill-intimat ghas-servizzi minnu rezi u li kienu meritu tal-kawza fl-ismijiet 'Stephen Bajada vs Dr Martin Fenech' (260/11 VG) gia fuq imsemija, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza.

Semghet il-kontro ezami ta' Kenneth William Donaldson illi saret fil 11 ta' Gunju 2015.

Rat illi l-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghas-sottomissjonijet finali dwar l-ewwel eccezzjoni fil 11 ta' Gunju 2015.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet fuq l-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-intimat illi saret fit 12 ta' Ottubru 2015, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Ikkunsidrat

Il-kawza odjerna hija kawza ghal danni rizultanti minn xoghol hazin illi allegatament sar da' parte ta' l-intimat u li wasslet ghall-xoghlijilet ta' riparazzjoni illi huma wkoll kienu qed jigu inkluzi fit-talba odjerna.

Is-socjeta rikorrenti, kif jirrizulta mill-provi prodotti minnha stess, kienet giet ikkuntrattata mis-socjeta Sark Limited, bhala sid il-bastiment MV Drenec, bhala 'project manager to oversee the refit of the MY Drenec", u, fost ix-xogholijiet illi kellha tassikura li jsir, kien hemm inkluz l-installar ta' sistema ta' kondizzjonament ta' l-arja fl-istess bastiment, ghall-liema installazzjoni kien tqabbad l-intimat biex jaghmel ix-xoghlijiet.

Jirrizulta illi, mument minnhom, kien hemm divergenza bejn il-partijiet u l-intimat twaqqaf millijkompli jahdem fuq l-istess bastiment mis-socjeta rikorrenti u ghalhekk ix-xoghol tas-sistema tal-kondizzjonament ta' l-arja ma tlestiex.

Jirrizulta illi l-intimat nieda proceduri kontra l-bastiment MY Drenec fit 8 ta' Awissu 2011 ghall-hlas tas-servizzi minnu resi fuq il-bastiment (fol 41).

Jirrizulta illi sid il-bastiment, Sark Limited, fis 27 ta' Jannar 2015, waqt il-mori tal-kawza odjerna, wasal fi ftehim ma' l-intimat u hallas il-pendenzi kollha rikjesti bir-rizultat illi l-pretenzjonijiet kontra xulxin gew rizolti darba u ghal dejjem (fol 95-97)

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, fil-kawza odjerna, qieghda titlob ghal danni rizultanti ta' xoghol hazin illi sar fil-bastiment MY Drenec, ghal liema danni s-socjeta Sark Limited, sid l-istess bastiment, ftiehem illi ma kellu ebda pretenzjoni ohra kontra l-intimat stante illi l-partijiet kienu ftehmu l-pendenzi kollha ta' bejniethom, kif fuq gia indikat.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta minghajr ebda dubju, illi x-xogholijiet kollha illi dwarhom is-socjeta rikorrenti kienet qed tilmenta saru lkoll fuq il-bastiment MY Drenec.

Jirrizulta illi il-bastiment MY Drenec u s-sid taghha Sark Limited, qatt ma hadet passi legali kontra is-socjeta rikorrenti ghax-xoghol hazin illi kien ghamel allegatament l-intimat.

Jirrizulta wkoll illi il-bastiment MY Drenec u s-sid taghha Sark Limited, qatt ma awtorizza lill-istess socjeta rikorrenti sabiex, ghan-nom taghhom, tibda xi procedimenti legali ghal xoghol hazin illi kien ghamel l-intimat.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ma kien jesisti ebda ness guridiku bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat, stante illi l-istess intimat kien qieghed jaghmel ix-xoghol ghal-bastiment MY Drenec u s-sidien taghha, Sark Limited, u di fatti, l-istess sidien ftehmu ma' l-intimat u risolvew il-pendenzi ta' bejniethom.

Ma jirrizulta minn imkien, mill-provi tas-socjeta rikorrenti, illi d-danni minnha pretizi kienu jmorru oltre dawk relatati max-xoghlijiet illi ghamel l-intimat fuq il-bastiment MY Drenec.

Ghalhekk, l-eccezzjoni imqajjma mill-intimat illi ma kienet tesisti ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti hija wahda valida u timmerita illi tigi akkolta.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi prodotti quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel eccezzjonijiet ta' l-intimat,

**Tastejni** milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonjiet l-ohra, u

**Tichad** it-talbiet attrici kif dedotti.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur